KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 14 – L-ERBGĦA, 25 TA' ĠUNJU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 14.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

14.1.1 Ma kienx hemm.

## 14.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

14.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (14) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

14.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 14.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

14.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li kellu laqgħa pożittiva mal-Uffiċċju tal-Onorevoli Zerafa Civelli dwar it-talba għall-estensjoni tal-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika ta' Pjazza Ninu Cremona nhar it-23 ta' Ġunju. Fakkar li l-Kunsill kien diġa jgawdi mill-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika fis-sit ta' Triq Patri Marjanu Vella, liema kirja tagħlaq f'Lulju 2025 u fejn il-Kunsill talab lill-Awtorità tal-Artijiet biex iġedded il-kirja għal 15-il sena oħra. Preżentement it-talba qegħda fil-proċess u fejn infurmati li se terġa tiġġedded. Semma wkoll li peress li l-proġett propost tal-ispazju miftuħ ta' Ninu Cremona deskritt bħala riġenerazzjoni tal-pjazza, il-Kunsill kien talab il-clearance / no objection tal-Awtorità tal-Artijiet, liema no objection waslet nhar is-27 ta' Awwissu 2024 biex il-Kunsill ikun jista jissottometti l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

Is-Sindku kompla billi qal li issa wasal il-fażi li l-Kunsill jitlob estensjoni tal-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika ta' Pjazza Ninu Cremona biex il-Kunsill jagħmel il-pass li jmiss. Proprju l-laqgħa li nżammet fl-Uffiċċju tal-Onor. Zerafa Civelli kien biex nispjegaw il-proġett propost u jassisti lill-Kunsill biex jottjeni l-approvazzjoni.

Is-Sindku informa li l-*Advisor* tas-Segretarju Parlamentari Zerafa Civelli, is-Sur mark Vella Bonnici kien qed jagħti l-*green light* fil-prinċipju fejn kien kommess li jitkellem mill-ewwel mas-Sinjura Fenech mill-Uffiċċju tal-Awtorità tal-Artijiet dwar l-amministrazzjoni ta' din il-proprjetà pubblika.

Is-Sindku ikkonkluda li hemm proċedura stabbilita li l-Kunsill irid isegwi liema talba saret lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jgħaddu linji gwida biex issir it-talba lid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija, u Implimentazzjoni ta' Policy. Kif appena l-Kunsill jottjeni l-*endorsement* mingħand id-Direttorat, il-Kunsill ikun jista jipproċedi bl-applikazzjoni.

14.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar l-egħluq tal-proġett fi Triq il-Klin fejn b'sodisfazzjon qal li tlesta wkoll l-immaniġġjar tat-traffiku pendenti xi diffikultajiet ma' terzi proprjetà dwar l-aċċessibilità għal garages privati, liema talbiet mill-Kunsill Lokali lill-Aġenzija Infrastructure Malta għan-nom tar-residenti affettwati ġew rifjutati.

B'hekk il-programm ta' xogħol varat fuq dawn l-aħħar sentejn ġew magħluqa u kienu jinkludu Triq Ġużè Pesci, Triq Mons. P.P. Saydon, Trejqet il-Poeti, Triq Alfons Maria Galea, Triq il-Ħarruba, Triq il-Plejju, Triq Stefano Erardi u Triq il-Klin.

14.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill kien tkellem mas-Sur Tanti, CEO tal-WSC biex max-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq San Mikiel biex tissolva d-diffikultà ta' *overflow* ta' *sewage* fi Triq Ġeronimo Abos, issir fergħa għall-konnessjoni tad-drenaġġ biex fl-eventwalità li 'l quddiem isir proġett fiż-żona li tkun tinvolvi l-kostruzzjoni ta' latrina pubblika, l-infrastruttura tad-drenaġġ tkun bil-lest. Dan fuq suġġeriment tal-Kunsillier Matthew Fenech. Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill se jkun qed jagħmel monitoraġġ tax-xogħlijiet għaddejjin fl-imsemmija triq biex nassiguraw li t-talba tal-Kunsill tiġi onorata.

## 14.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

14.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-28 ta' Mejju u l-21 ta' Ġunju 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (28 May - 21 June 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 140 | 29/05/2025 | Talba biex issir traffic mirror f'Wesgħa Lewis JB Scicluna quddiem daħla tal-garages. | pending | Wesgħa Lewis JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 141 | 29/05/2025 | Dwal mitfijin Triq L-Awrikarja u l-isfel Triq il-Wied | settled | Triq L-Awrikarja/Wied | **ENEMALTA** |
| 142 | 29/05/2025 | To do alterations to the Bus shelter near Josies Triq Naxxar due to no sun shade | pending | Triq Naxxar | **TM / faces** |
| 143 | 29/05/2025 | Hemm blokka t'appartamenti 'Mon Cheri' fi Triq il-Mużika li joħorġu l-iskart mhux fil-ġranet tagħhom. | closed | Triq il-Mużika | **COUNCIL** |
| 144 | 02/06/2025 | Hemm diversi 'stop cock covers' miksurin bejn Triq Ġużeppi Calleja u Triq Ċensu Busuttil | pending | Triq Dun Karm | **WSC** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 145 | 02/06/2025 | Hemm siġar taż-żebbuġ iffullati f'Wesgħa Lewis JB Scicluna fejn in-niċċa tal-Madonna | pending | Wesgħa Lewis JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 146 | 02/06/2025 | Hemm siġra taż-żebbuġ qed tesporġi għal fuq il-bankina fi Triq A Buttigieg | pending | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 147 | 02/06/2025 | Triq il-Wied u Triq il-Ħwawar bla provvista ta' dawl fit-triq | settled | Triq Wied | **ENEMALTA** |
| 148 | 02/06/2025 | Wires imdendlin ma' arblu fi Triq it-Timu | pending | Triq it-Timu | **Go/Melita** |
| 149 | 02/06/2025 | Talba biex jeħel avviż fejn Doggy bin faċċata fejn kien hemm ERI's fi Triq Dun Karm (service road) | settled | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 150 | 02/06/2025 | Triq Dott Pawlu Grech reġa hemm infestazzjoni ta' ġrieden | pending | Triq Dott Pawlu Grech | **COUNCIL** |
| 151 | 02/06/2025 | Kinsa fi Triq it-Timu u Triq il-Ħarruba c/w Triq Wied fejn is-siġar taż-żebbuġ | pending | Triq it-Timu | **Cleansing** |
| 152 | 02/06/2025 | Biex jitnaddaf il-ħaxix fejn il-bankijiet fi Triq E S Inglott u fejn substation | pending | Triq E S Inglott | **Cleansing** |
| 153 | 02/06/2025 | 2 bozoz mitfijin fi Triq E S Inglott | settled | Triq E S Inglott | **ENEMALTA** |
| 154 | 03/06/2025 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu nru. L064/28 fi Triq il-Plejju | settled | Triq il-Plejju | **ENEMALTA** |
| 155 | 03/06/2025 | Ilment fuq ta' nru. 59 Triq il-Wied, qed juża makkinarju kbir biex iħaffer | Case no. 6264242 | Triq il-Wied | **BCA** |
| 156 | 03/06/2025 | Talba biex jitqiegħed avviż biex ma jitfgħux skart fi Triq Dun Karm quddiem ħanut tan-negozju | settled | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 157 | 04/06/2025 | Talba biex isir parkeġġ għal ambulanza fiż-żona ARIA complex | pending | Triq il-Għargħur | **COUNCIL** |
| 158 | 04/06/2025 | Hemm 3 bozoz fuq arbli fi Triq il-Prinjol | settled | Triq il-Prinjol | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 159 | 06/06/2025 | Hemm it-tappiera ta' quddiem il-47 fi Triq il-Wied qed tħabbat ħafna | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 160 | 06/06/2025 | Hemm cable imdendel għal fuq it-triq fi Triq G Abos ħdejn stabbiliment tan-negozju | closed | Triq G Abos | **ENEMALTA/GO** |
| 161 | 09/06/2025 | Hemm 2 bozoz fuq arbli maqtugħin fi Triq ES Inglott | pending | Triq ES Inglott | **ENEMALTA** |
| 162 | 09/06/2025 | Il-ħaxix ta' Triq ES Inglott quddiem 'Dar in-Naspli' ma nqatax kollu. Talba biex jinqata' u titnaddaf it-triq. | pending | Triq ES Inglott | **CLEANSING** |
| 163 | 09/06/2025 | Qed jinqatgħu siġar fl-għalqa ta' Triq May Butcher | closed | Triq May Butcher | **ERA** |
| 164 | 11/06/2025 | Hemm siġra qed tostakola l-bankina fi Triq Ċensu Bugeja | pending | Triq Ċensu Bugeja | **COUNCIL** |
| 165 | 11/06/2025 | Ħruġ ta' drenaġġ mit-tappiera ta' ħdejn roundabout fi Triq G Abos | settled | Triq Ġeronimo Abos | **WSC** |
| 166 | 13/06/2025 | Hemm 3 bozoz mal-ħajt maqtugħin fi Triq il-Klin bejn LC Waikiki u JB Stores, ħsara fil-linja | settled | Triq il-Klin | **ENEMALTA** |
| 167 | 14/06/2025 | Hemm blokka residenzjali nru 38 Triq E S Inglott jintefa d-dawl ta' ġewwa meta jixgħel ta' barra | pending | Triq E S Inglott | **ENEMALTA** |
| 168 | 14/06/2025 | Hemm pjanta ffullat f'Wesgħa Lewis JB Scicluna | settled | Wesgħa Lewis JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 169 | 18/06/2025 | Hemm bozza maqtugħa tal-Kunsill fuq arblu mal-parkeġġ tar-Razzett l-Abjad fi Triq Ħal Għargħur | pending | Triq il-Għargħur | **CONTRACTOR** |
| 170 | 18/06/2025 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu L106/28 fi Triq il-Plejju | pending | Triq il-Plejju | **ENEMALTA** |
| 171 | 18/06/2025 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu nru L099/28 fi Triq ES Inglott c/w Triq PA Cuschieri | pending | Triq ES Inglott | **ENEMALTA** |
| 172 | 20/06/2025 | Hemm traffic mirror fi Triq San Mikiel u qed tkun ostakolata minn vettura kbira b'mod li | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | qed timpatta b'mod negattiv għas-sewwieqa | | | |

## 14.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

14.5.1 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar l-eżitu tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp PA 5448/16 - To construct petrol/service station, car wash, ATM and fixing of signs. Site at Triq Tal-Balal, Iklin.

Is-Sindku Dott Sciberras fakkar li l-Kunsill kien imsejjaħ biex ikun membru tal-Bord tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp PA 5448/16 - To construct petrol/service station, car wash, ATM and fixing of signs. Site at Triq Tal-Balal, Iklin. Dakinhar tas-smigħ, l-applikant talab biex jagħti aktar żmien biex jinstema dan il-każ minħabba raġunijiet tiegħu liema talba ġiet milqugħa mic-*chairman* u l-każ ġie differit għal tliet ġimgħat oħra. Ic-*chairman* tal-Bord kien ikkonkluda li ma kienx se jerġa jippermetti talba oħra għal differiment.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li l-Kunsill irċieva notifika mill-Awtorità tal-Ippjanar u fejn l-applikazzjoni ġiet irtirata.

14.5.2 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi mal-Aġenzija Infrastructure Malta dwar il-possibiltà li jsir titjib fl-infrastruttura ta' toroq residenzjali oħra biex nindirizzaw l-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li l-Kunsill għamel talba formali lill-Aġenzija IM fejn ġew elenkati (7) toroq oħra residenzjali li jinkludu

1. Triq Ġeronimo Abos bejn Triq Ġużè Galea u Triq Dun Karm (B'Kara By-Pass)
2. Triq Giuseppe Calleja bejn Triq Alfons Marija Galea u Triq Dun Karm (service road)
3. Triq Ġużè Ellul Mercer bejn Triq Ġużè Bonnici u Triq Dun Karm (service road)
4. Triq iċ-Ċitru bejn Triq il-Mużika u Triq Dun Karm (service road)
5. Triq Stefano Erardi bejn Triq San Mikiel u Triq il-Klin
6. Triq Patri Marjanu Vella bejn Triq Ġużè Galea u Triq Ċensu Busuttil

7. Triq Karmenu Vassallo bejn Triq Patri Marjanu Vella u Trejqet ir-Rumanzieri

   L-Aġenzija Infrastructure Malta wieġbet li ttieħdet nota tal-imsemmija toroq u aġġornaw ir-*records* tagħhom. Filwaqt li se jippruvaw jaraw il-prijoritajiet tal-Kunsill, hemm kunsiderazzjonijiet u prijoritajiet oħra nazzjonali li jridu jiġu kkunsidrati wkoll.

14.5.3 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-Kunsill jistax jitkellem mal-Awtorità Transport Malta dwar l-immaniġġjar tat-traffiku minn Triq San Mikiel għal Triq Naxxar. Il-Kunsillier Fenech qal li biex titla fid-direzzjoni tan-Naxxar, trid issuq fid-direzzjoni ta' *round-about* biex titla lejn in-Naxxar. Ir-residenti tal-Iklin li jgħixu f'din iż-żona huma kollha affettwati minn din is-sitwazzjoni u tajjeb li l-Kunsill jitlob għal rikunsiderazzjoni biex l-immaniġġjar tat-traffiku f'dik iż-żona jerġa jsir kif kien fil-passat.

Is-Sindku wieġeb li m'għandu l-ebda diffikultà biex isejjaħ laqgħa ma' TM però dan huwa każ li kien ġie diskuss f'leġiżlaturi preċedenti iżda ma nbidel xejn. Is-Sindku ikkonkluda li l-Awtorità jinteressaha li l-*flow* tat-traffiku jibqa għaddej biex ma jkunx hemm konġestjoni tat-traffiku.

14.5.4 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman staqsiet jekk l-Aġenzija Infrastructure Malta kenitx ikkunsidrat it-talba tal-Kunsill dwar ix-xogħlijiet tal-asfalt fil-parti ta' Triq Stefano Erardi bejn Triq San Mikiel u Triq il-Klin.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kiteb formalment lill-Aġenzija dwar din il-proposta iżda t-talba ma ġietx milqugħa. Informa li fit-talba li saret riċentement lill-Aġenzija dwar programm ta' xogħol biex inkomplu ntejbu l-infrastruttura tat-toroq residenzjali fl-Iklin, l-aħħar parti ta' Triq Stefano Erardi ġiet inkluża fil-lista tax-xogħlijiet.

## 14.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

14.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

14.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri, Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

14.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' soft stone 6' x 4' x 2' mill-fornitur Mark Bonello Soft Stone Quarry Siġġiewi biex tibda tinħadem l-istatwa tal-Madonna li tħoll l-għoqiedi tal-ħajja bħala parti mill-proġett ta' tisbiħ f'Wesgħa JB Scicluna għall-prezz ta' Eur1,652.00 VAT inkluż;
2. Il-Kunsill approva reviżjoni tar-rati għas-servizzi ta' Konsulent f'dak li jirrigwardja *Weekly planning application review, weekly review of PA decisions, Letters of Representation, Attendance at PA to present Council's objections, Planning Appeals, Review of Local Plans, SPED*, u servizzi oħra kif jidher fit-tabella hawn taħt:

| Service | Fee (excluding VAT) |
|---|---|
| Weekly Planning Application Review (no applications, no fee) | €60 per weekly review |
| Weekly review of PA Decisions | €30 per weekly review |
| Letters of Representation | €120 per representation |
| Attendance at PA to present Council's objections | €60 per hour |
| Planning Appeals | €60 per hour |
| Review of Local Plans, the SPED etc and assisting in Council Initiatives | Lump sum proposal on a case-by-case basis |

## 14.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

14.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

14.7.2 Applikazzjoni PA/02647/25 - Proposed installation of chain link fencing and lighting system for approved football pitch (PA9349/17). MCast, Triq Gdida fi Triq il-Kbira,/ Triq Giuseppe Stivala, Naxxar /, Triq Giorgio Locano, Iklin

Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li kien talab lill-Konsulent tal-Kunsill biex ikun preżenti fis-smiegħ ta' din l-applikazzjoni peress li tali applikazzjoni tista timpatta b'mod negattiv fuq ir-residenti taż-żona.

Informa li dan l-Uffiċċju tkellem ukoll mar-residenti peress li ma kienux notifkati b'din l-applikazzjoni u fejn jirriżulta li ma tweħħlitx site notice fuq il-lokalità tal-Iklin. Żied jgħid li peress li l-proposta hija waħda teknika, talab l-assistenza tal-Konsulent tal-Kunsill biex ikun preżenti waqt is-smiegħ biex jirrapreżenta lill-Kunsill u lir-residenti li jirrisiedu fi Triq Giorgio Locano u t-toroq immedjati. Il-Planning Commission se jżomm il-laqgħa skedata għal nhar is-27 ta' Ġunju. Il-Kunsill irreġistra l-interess f'din l-applikazzjoni biex nassiguraw li jintalab Engineer's Report qabel ma tittieħed deċiżjoni u mhux kif rakkomandat minn DPA Report li l-materja relatata ma' l-illuminazzjoni tiġi ndirizzata *post-permit*. Il-Kunsill Lokali L-Iklin irid jissalvagwardja l-interess tar-residenti u jassigura li l-kwalità tal-ħajja tar-resident ma tiġix impattata b'mod negattiv u naraw li l-kunċett ta' *right to peaceful enjoyment of property* ma jkunx mittiefes.

F'dan ir-rigward, l-engineer's report għandu jiġi sottomess mill-aktar fis biex narawh fid-dettal qabel ma tittieħed id-deċiżjoni fuq din l-applikazzjoni, b'mod li n-natura tad-dawl u l-impatt tiegħu jiġu vvalutati kif suppost.

14.7.3 Applikazzjoni PA/ 06640/24 – Wesgħa Louis J.B. Scicluna – Regeneration of landscaping area in Wesgħa Louis J.B. Scicluna, including the removal of existing statue and installation of new similar statue made of stone.

14.7.4 Applikazzjoni PA 03933/25 – Middle Quarry, Ta' Ġnien Fonsu, L-Iklin 'Proposed removal of dilapidated structures, repairing of dangerous retaining wall and replenishment of soil.

## 14.8 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETT PROPOST TA' WESGĦA J.B. SCICLUNA

14.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li ġie fformulat kuntratt biex jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u l-artist Joseph Micallef għall-kummissjoni tal-istatwa tal-Madonna li tħoll l-għoqiedi tal-ħajja. Huwa maħsub li l-ġebla tinqata din is-sena minn barriera fis-Siġġiewi biex is-sena d-dieħla 2026 jibda jiskolpi l-istatwa fil-ġebla.

Il-Perit tal-Kunsill qed jikkomunika mal-artist minħabba drawing tal-pedestal u ġiet sottomessa *summary application* mal-Awtorità tal-Ippjanar tracking number TRK284169 għal

Regeneration of landscaping area in Wesgħa Louis J.B. Scicluna, including the removal of existing statue and installation of new similar statue made of stone.

Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva wkoll in-numru tal-applikazzjoni PA / 06640/24 għal Full Development Permission.

Fil-frattemp, il-Perit ġie kkummissjonat biex jipprepara Condition Report, Bill of Quantities skont Framework Agreement tal-Public Works biex eventwalment napplikaw għall-fondi disponibbli mill-Public Works. Proċessi amministrattivi li jieħdu l-ħin, li huma rigorużi iżda b'determinazzjoni li naslu nwettqu dan il-proġett.

Aktar żviluppi dwar dan il-proġett jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

## 14.9 AĠĠORNAMENT DWAR IX-XOGĦLIJIET TA' TWAQQIEGĦ U RIKOSTRUZZJONI TA' ĦITAN LI JIFFORMA PARTI MINN SOFT LANDSCAPING FI TRIQ ANTON BUTTIGIEG

14.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li preżentement l-Public Works qed jistennew dokumentazzjoni mingħand il-Kunsill biex jitkompla l-proċess amministrattiv. Bażikament, qed nistennew lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara Condition Report peress li hemm turġien li huwa adjaċenti ma' terza proprjetà, Building Works Method Statement & Excavation Method Statement. Ma' dan, reviżjoni tal-Bill of Quantities peress li n-natura tax-xogħol żdied konsiderevolment.

Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kellu japplika għal darba, tnejn, tlieta mal-Awtorità tal-Ippjanar għal Development Notification Order fejn l-aħħar DNO waslet għand il-Kunsill nhar is-6 ta' Ġunju 2025 - DN 00734/25 Proposal: Demolition and reconstruction of retaining wall forming part of the landscaped area on Triq Anton Buttigieg, Iklin. (Extension to the area already approved in DN 1245/24 & DN 28/25).

Is-Sindku ikkonkluda li kif appena l-Perit tal-Kunsill jgħaddi d-dokumentazzjoni mitluba lill-Public Works, naraw li ssir Polza tal-Assigurazzjoni biex eventwalment nottjenu l-*clearance* mingħand il-Building and Construction Authority. Minn hemm 'il quddiem, ikun jista jingħata bidu għal dan il-proġett.

Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill għas-sodisfazzjon tal-Kunsillieri.

## 14.10 AĠĠORNAMENTI DWAR L-IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ ALFONS MARIA GALEA, TRIQ IL-KLIN, TRIQ MONS. P.P. SAYDON, NINU CREMONA

14.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-immaniġġjar tat-traffiku ġdid li sar mill-Aġenzija Infrastructure Malta ħoloq diffikultajiet ġodda fejn ma ġewx immarkati linji taż-żebgħa quddiem garages, residenti jilmentaw u min jikkwota u jagħti l-interpretazzjoni tiegħu.

Quddiem dan ix-xenarju, il-Kunsill talab laqgħa *on site* mal-Awtorità kompetenti TM però mingħajr wisq suċċess. Matul dawn l-aħħar ġimgħat kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-Kunsill u l-Awtorità però t-talba li niltaqgħu fuq il-post baqgħet ma mmaterjalizzatx. B'rizultat ta' dan, inqala diżgwid bla bżonn bejn ir-residenti u sintendi f'konfrontazzjoni mal-Uffiċċju tal-Kunsill.

Dan huwa kollu *disturbance* żejjed lill-Uffiċċju u qed jiswa ħela ta' ħin lill-Uffiċċju Amministrattiv meta l-Kunsill kien ħa *stock of the situation* qabel ma nqalgħu t-toroq biex meta jitlesta l-asfalt tat-toroq, il-kuntrattur appuntat jerġa jimmarka l-linji tal-marki taż-żebgħa skont *drawings* tal-Kunsill. Sfortunatament, il-komunikazzjoni bejn il-Kunsill u l-Aġenzija Infrastructure Malta ma kenitx tajba u kif mistenni. B'ko-ordinazzjoni tajba setgħu ġew evitati dawn id-diffikultajiet.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill qed jipprova jindirizza l-każijiet b'mod individwali billi jagħeml talba formali lill-Awtorità Transport Malta biex il-Kunsill jottjeni l-permess/approvazzjoni biex isiru korrezzjonijiet fil-marki tat-toroq.

Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill ser jibqa jaħdem fuq l-immaniġġjar tat-toroq biex l-isnag list tiġi riżolta fl-iqsar żmien possibbli.

14.10.2 Is-Sindku esprima t-tħassib tiegħu dwar il-mod ta' kif qed isir parkeġġ b'mod irresponsabbli fl-ispazju miftuħ fi Pjazza Ninu Cremona / sit ta' Triq Patri Anastasju Cuschieri.

Is-Sindku spjega li hemm periklu imminenti jew *an accident waiting to happen* meta sewwieqa irresponsabbli jħallu l-vettura pparkjata f'nofs l-ispazju miftuħ, parkeġġ illegali u b'periklu għal terzi meta tikkunsidra li taħt il-bandli u l-ġnien ikun hemm spazji disponibbli għall-parkeġġ. Għaldaqstant jinħass il-bżonn li l-parkeġġi jiġu organizzati bil-marki taż-żebgħa u b'hekk ikun hemm gwida ċara għas-sewwieqa fejn tista u ma tistax tipparkja.

14.10.3 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li għandu jiġi organizzat l-immaniġġjar tat-traffiku fi Pjazza Ninu Cremona u t-toroq immedjati biex nedukaw u jitneħħa kull periklu fit-triq.

14.10.4 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex issir talba lill-Awtorità TM biex jiġu organizzati l-linji tal-marki taż-żebgħa fi Pjazza Ninu Cremona u t-toroq immedjati biex il-parkeġġ ikun wieħed organizzat u sabiex is-sewwieqa jsegwu l-linji u l-parkeġġ isir *within the lines* li jiddefinixxu fejn wieħed jista jipparkja b'mod legali.

14.10.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 14.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

14.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 23 ta' Lulju 2025 fil-5.30 pm.

14.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Lulju 2025 fil-5.30 pm.

14.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.35 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv